MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 12/1992/1

Ludovico u Assunta konjugi Azzopardi

Vs

Joseph Galea u Anthese Galea u b'digriet tas-26 ta' Marzu, 1992 (a fol 20) il-kliem Joseph Galea u Anthese Galea gew sostitwiti bil-kliem Salvatore Galea u John Galea fil-kwalita' taghhom ta' Diretturi u in rapprezentanza tas-socejta' "Orienti Holdings Limited"

Paul Cassar fil-kwalita' tieghu ta' Segretarju u in rapprezentanza tas-Socjeta' Filarmonika La Stella u b'digriet tad-19 ta' Gunju, 1992 gew kjamati fil-kawza George u Joseph Said fil-kwalita' taghhom ta' direttur tal-kumpannija inkwilina Mannar Company Limited (a fol. 2-4) u b'digriet tal-4 ta' Dicembru, 1992 gew kjamati fil-kawza Paul u Christine konjugi Refalo (a fol. 33)

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-atturi fis-17 ta’ Jannar 1992 li permezz taghha

B’kuntratt tat-18 ta’ Novembru 1990, l-atturi hadu b’titolu ta’ enfitewsi temporanja, minghand il-kumpannija konvenuta Orienti Holdings Limited, zewgt ihwienet internament markati bin-numru 19 u 21, li jinsabu gewwa shopping arcade numru 13, Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex, minghajr l-arja taghhom, liema arja kienet u ghadha propjeta’ tal-kumpanija konvenuta.

Fl-ahhar jiem ta’ Ottubru 1991 fil-fond tal-atturi, dahlet kwantita’ ta’ ilma tax-xita minn ingaljatura tas-saqaf tal-concrete.

Fl-istess zmien, kienu qeghdin isiru xogholijiet strutturali fil-propjeta’ tas-Socejta’ Filarmonika La Stella.

U peress illi konsegwenza ta’dan, l-iskular tal-ilma tax-xita, l-atturi sofrew danni rreparabbli, konsistenti fil-hsara fil-merkanzija tal-hanut taghhom, kif jigi dettaljatament spegjat fil-kors tal-kawza.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet, hadd mill-konventi ma accetta r-responsabilita’ u hadd minnhom ma resaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni.

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti;

1. Tiddikjara lill-konventi jew min minnhom, responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi;

2. Tillikwida l-istess danni;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont hekk llikwidat; bl-imghax mid-data tac-citazzjoni sad-data tal-hlas effettiv.

Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fl-4 ta’ Frar 1992 mill-kumpannija Orienti Holdings Limited (fol. 13), eccepiet:

1. Preliminarjament, l-inkompetenza ta' din il-Qorti 'ratione materie', peress illi din il-kawza giet istitwita kontra taghhom in rapprestanza ta' socjeta' kummercjali.

2. Preliminarjament ukoll, illi huma m'humiex il-legittimi kontradditturi ta' l-atturi f'din il-kawza, billi m'humiex diretturi u m'ghandhomx ir-rappresentanza guridika tal-kumpanija "Orienti Holdings Limited", u ghalhekk hemm lok ghall-liberazzjoni 'ab observantia' fil-konfront taghhom.

3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju, illi kwalunkwe hsarat lamentati mill-atturi, jekk jezistu, saru kawza ta' xogholijiet tal-konvenut nomine l-iehor, u huma nomine m'huma responsabbli bl-ebda mod ghall-istess hsarat.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fis-17 ta' Frar 1992 mis-Socjeta Filarmonika La Stella (fol. 17) li biha eccepiet:

1. Illi s-Socjeta' konvenuta ma esegwiet ebda xogholijiet strutturali fil-propjeta' taghha;

2. Illi jekk saru xi xogholijiet strutturali fil-propjeta' tas-Socjeta' kif qed jallegaw l-atturi, dawn setghu saru f'dik il-parti tal-fond li tinsab f'idejn terzi b'kera, f'liema kaz l-azzjoni kellha tigi diretta kontra l-inkwilin jew konduttur sabiex iwiegeb hu ghall-hsarat allegatament kagunati u konsegwentement ghad-danni allegatament sofferti;

3. Illi l-azzjoni mxiet hazin in kwantu diretta kontra s-Socjeta' konvenuta u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentat fis-7 ta' Settembru 1992 (fol. 28) mill-kumpannija msejha fil-kawza Mannar Co. Ltd li biha eccepiet:

1. Illi m'huwiex kontestat li saru xi xogholijiet f'parti remota mill-bini proprjeta' tas-Socjeta' Filarmonika La Stella li hija mikrija lill-kumpanija Mannar Co. Ltd. rapprezentata mill-konvenuti kjamati fil-kawza.

2. Huwa kontestat pero’ n-ness implikat mill-atturi bejn ix-xogholijiet li saru u l-hsara danneggjata li allegatament giet sofferta mill-atturi.

3. Fl-istess zmien li kien qieghed isir ix-xoghol mill-konvenuti kjamati fil-kawza, kien qieghed isir xoghol strutturali estensiv minn Paul u Christine konjugi Refalo fil-bini taghhom konsistenti fi qlugh tax-xorok tal-bjut u qlugh jew spostament ta’ spartamenti tal-bini u estensjoni tal-istess bini sovrastanti s-Shopping Arcades propjeta’ tas-socjeta’ konvenuta Orienti Holdings Ltd.

4. Ghalhekk huwa l-kaz f’dan l-istadju inizjali li jigu kjamanti wkoll fil-kawza Paul u Christine konjugi Refalo.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijet prezentata fil-15 ta’ April 1993 (fol. 36) minn Paul u Christine konjugi Refalo fejn iddikjaraw:

1. M’humiex responsabbli ghall-hsarat li qeghdin jilmentaw dwarhom l-atturi, u kwalunkwe hsarat illi setghu saru, jekk tassew jezistu, gew ikkawzati bix-xogholijiet maghmula mill-konvenut nomine Paul Cassar jew mill-kjamati fil-kawza l-ohrajn George u Joseph Said nomine.

2. Illi ghalhekk huma gew imharrka inutilment u m’ghandhom ibatu l-ebda spejjez.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri prezentata minn Orienti Holdings, u Christine Refalo fis-26 ta’ Mejju 2008 (fol. 194) fejn eccepew:

1. It-talbiet ta’ l-attrici ghall-hlas ta’ imghax fuq is-sorte hu infondat ghaliex l-ammont irid jigi likwidat.
2. F’kull kaz it-talba ghall-hlas ta’ imghax hi milquta mill-preskrizzjoni ta’ hames (5) snin skond l-Artikolu 2156(d) u (f) tal-Kodici Civili, almenu ghall-perjodu li jigi qabel it-23 ta’ Mejju 2003.

Rat l-atti kollha, inkluz ir-rapporti tal-periti gudizzjarji, il-perit Emanuel Vella (fol. 97) u Dr Grazio Mercieca (fol. 100).

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Settembru 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kawza tittratta talba ghal likwidazzjoni u hlas ta’ danni minhabba perkolazzjoni ta’ ilma tax-xita f’zewgt ikmamar (19 u 21, gewwa *shopping arcade* 13, Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex) li minnhom l-atturi kienu jiggestixxu negozju ta’ bejgh ta’ drappijiet. Dawn l-ambjenti kienu nghataw lill-atturi b’titolu ta’ enfitewsi temporanja mill-kumpannija konvenuta. Is-socjeta Filarmonika La Stella ghandha l-proprjeta’ tmiss ma’ dik tal-kumpannija konvenuta. F’dan iz-zmien is-socjeta konvenuta kienet gholliet l-opramorta li taqsam il-bjut u saqqfet parti mill-bejt.

2. Din il-kawza ilha pendenti ghall-perjodu irragonevoli ta’ kwazi sbatax-il sena. L-atturi qeghdin jippretendu s-somma ta’ elf u sbatax-il euro u erbgha u disghajn centezmu (€1,017.94) bhala danni. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ser ikunu hafna iktar minn hekk. Matul dawn is-snin kollha kull ma sar kienu sitt (6) seduti quddiem il-periti gudizzjarji u tlett (3) accessi.

3. Ghal dak li jikkoncerna l-mertu, l-ezitu ta’ din il-kawza tiddependi minn kostatazzjoni ta’ x’wassal ghad-dhul ta’ ilma fil-hanut ta’ l-atturi. Il-kumpannija konvenuta eccepiet li *“…kwalunkwe hsarat lamentati mill-atturi, jekk jezistu, saru kawza ta’ xogholijiet tal-konvenut nomine l-iehor, u huma nomine m’huma responsabbli bl-ebda mod ghall-istess hsarat.”* (fol. 13). Ghandna zewg fehmiet differenti:-

- **<u>Il-perit Joseph Dimech</u>** (inkarigat mis-socjeta konvenuta) li ghamel rapport datat 5 ta' Novembru 1991 (fol. 172). Fir-rapport jinghad li l-ilma tax-xita kien dahal fit-28 ta' Ottubru 1991, u kien ghamel access fit-30 ta' Ottubru 1991. Fir-rapport jinghad li: *"**Ikkonstatajt illi l-ilma tax-xita kien dahal fl-ingaljatura tas-saqaf tal-konkos u baqa' niezel mill-hajt ta' gewwa tal-hanut.** Jiena rajt numru ta' pezzez imxarbien u imcapsien bit-tajn. It-tajn kien simili hafna ghal trab (rina) uzata fit-tajn li l-bennej uza fit-tqeghid tal-gebel"*. Pero' ma jaghti l-ebda spjegazzjoni dwar x'kieniet ir-raguni sabiex mill-ingaljatura jidhol l-ilma. Fir-rapport jinghad ukoll li fil-31 ta' Ottubru 1991 il-perit Dimech ghamel spezzjoni fil-bini tas-socjeta Filarmonika u, *"Jiena sibt illi fuq l-istess hajt tal-qasma sar bini ta' kamra kontinwazzjoni ma' beni li kien hemm. Irrizulta ukoll illi l-ilma tax-xita ta' din il-kamra huwa maqlub lejn l-istess hajt. Irrizulta illi meta nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru ghamlet hafna xita l-katusa li tigbor l-ilma ta' din il-kamra kienet ghada ma twahhlitx. Ir-rizultat kien illi kwantita kbira ta' ilma nizel mal-hajt u baqa diehel mal-fili tal-opramorta li ma kienx imkahhal fuq in-naha ta' Galea……Il-bjut ta' Galea kienu f'stat ta' manutenzjoni tajba u ma setghex jkun li dahal ilma mil-bjut."* (fol. 173).

Il-perit Dimech ma tressaqx bhala xhud ghalkemm jidher li kien prezenti ghal wiehed mill-accessi li saru (l-access li sar fit-18 ta' April 1994).

- **<u>Il-perit tekniku Emanuel Vella</u>** rrelata li x-xoghol ta' kosruzzjoni li sar fil-proprjeta' tas-socjeta Filarmonika La Stella kien jikkonsisti f'estensjoni ta' l-opramorta li tifred iz-zewg proprjetajiet u saqaf. Ikkonferma li l-bejt tas-socjeta konvenuta hu zewg filati iktar gholi mill-proprjeta' tal-kumpannija konvenuta[1]. Inoltre, peress li l-estensjoni tal-hajt kienet inbniet b'gebel gdid, meta ghamlet ix-xita nizlet ir-rina mal-hajt u l-ilma li dahal fil-hanut tebba pezez tad-drapp. Il-perit tekniku kkonkluda li l-ilma dahal minhabba konsenturi fis-saqaf tal-proprjeta' tal-kumpannija konvenuta u kellha taghmel tajjeb ghall-hsara li garrbu l-atturi.

---

[1] Ara wkoll verbal ta' access li sar fit-18 ta' April 1994 (fol. 158).

4. Fl-ewwel lok ma jirrizultax li s-Socjeta Filarmonika La Stella ghamlet xi xogholijiet. Mill-provi rrizulta li x-xoghol sar mill-kumpannija Mannar Company Limited (fol 167). Ghalkemm George Said xehed li x-xoghol sar bl-approvazzjoni tas-Socjeta Filarmonika La Stella, b'daqshekk ma jfissirx li jekk fil-kors tax-xoghol saret xi hsara fil-proprjeta' ta' terzi ghandha twiegeb ghalihom din il-konvenuta. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili: *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu."*. Ma tressqu l-ebda provi li b'xi mod jistghu jatribwixxu xi htija ghal dak li gara, fuq din il-konvenuta.

5. Fuq bazi ta' probabilita' il-qorti hi tal-fehma li l-opinjoni tal-perit Emanuel Vella hi iktar flokha, mehud in konsiderazzjoni li:-

(a) Il-bejt tal-proprjeta' tas-socjeta Filarmonika La Stella hu zewg filati iktar gholi mill-bejt tal-kumpannija konvenuta. Kif spjega il-perit tekniku Emanuel Vella: *"Huwa minn illi fuq il-hajt divizorju kien sar bini ta' kamra estensjoni ma' bini li kien hemm, pero fl-opinjoni ta' l-esponent peress illi l-bejt tal-proprjeta tas-Socjeta Filarmonika La Stella jinsab zewg filati ghola minn dik tal-propjeta tal-konvenuti Galea, din l-estensjoni kienet efetivament tikkonsisti f'estensjoni tal-opramorta. Ghaldaqstant l-ingaljatura tal-bejt ma nbidlitx"* (fol. 210).
(b) Il-bejt tal-proprjeta' tal-kumpannija konvenuta ma fihx kontrabejt.
(c) Ma jirrizultax li sar xi xoghol fl-art tal-bejt tas-socjeta konvenuta. Ix-xoghol kien limitat ghall-innalzament ta' parti mill-opramorta u tisqif ta' dik il-parti. F'dan il-kuntest il-perit Vella spjega: *"Jiena min-naha tieghi kemm min-naha tal-Astra kif ukoll min-naha tal-Orienti Holdings, ma rrizultalix illi min ghamel ix-xoghol fuq l-opramorta mess l-ingaljatura min-naha jew l-ohra."* (fol. 220). Jinghad ukoll li fir-rapport tal-perit Dimech ma jsemmix li mill-indagni li ghamel kien irrizulta li ntmesset l-ingaljatura.

(d) Ma rrizultax li fil-fond tas-Socjeta Filarmonika kien hemm perkolazzjoni ta' ilma.

(e) Fl-ewwel parti tar-rapport tal-perit Joseph Dimech jinghad li l-ilma tax-xita dahal *"….fl-ingaljatura tas-saqaf tal-konkos u baqa' niezel mill-hajt ta' gewwa tal-hanut."*. Ma jirrizultax jekk matul din l-ewwel spezzjoni (30/10/1991) il-perit Dimech telax fuq il-bejt tal-kumpannija konvenuta, ghalkemm il-qorti qeghda tifhem li ma kienx tela' peress li kien wara l-ispezzjona li ghamel fil-31 ta' Ottubru 1991 li jinghad li *"…sibt illi fuq l-istess hajt tal-qasma sar bini ta' kamra kontinwazzjoni ma' beni li kien hemm."* (fol. 173). Iktar 'il quddiem fir-rapport jinghad li meta saret l-ispezzjoni fil-fond ma' gemb dak tal-kumpannija konvenuta (31/10/1991), irrizulta li kwantita' ta' ilma nizlet mal-hajt u *"….baqa diehel mal-fili tal-opramorta li ma kienx imkahhal fuq in-naha ta' Galea."* (fol. 173). Il-qorti tistqarr li ma tistax tifhem kif id-dhul ta' ilma fil-fili mhux imkahhlin tal-opramorta seta' wassal sabiex jidhol l-ilma fil-hanut tal-atturi. Il-perit tekniku esprima ruhu fis-sens li f'dawn ic-cirkostanzi mhux suppost li jkun hemm perkolazzjoni ta' ilma (fol. 220) u spjega wkoll li: *"Originarjament meta sar il-bini kien hemm il-hames (5) filati illi jidhru fir-ritratt Dok AG3. Sussegwentement ghollew disa' (9) filati min-naha tal-Astra fis-sens illi awmentaw l-gholi tal-opramorta b'disa' (9) filati u dan jidher fir-ritratt Dok. AG2."* (fol. 219). Peress li l-perit Dimech ma tressaqx bhala xhud, ma kellux l-opportunita' li jissostanzja t-tezi tieghu. Inoltre, l-verzjoni li tat Anthese Galea (ara affidavit a fol. 165) ta' kif dahal l-ilma fil-hanut[2], ma ssib l-ebda konferma fir-rapport tal-perit Dimech.

(f) Fir-rapport tal-perit Dimech l-ewwel jinghad li d-dhul ta' l-ilma kien *"fl-ingaljatura tas-saqaf tal-konkos"* u mbaghad mid-dhul ta' ilma *"mal-fili tal-opramorta"*. Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ta' din id-divergenza, u f'dawn id-dikjarazzjonijiet il-qorti ma tarax konsistenza.

---

[2] Spjegat li peress li fuq il-bejt tal-kamra gdida li nbniet mis-socjeta konvenuta kienet ghadha ma saritx il-katusa, *"....dakinhar illi ghamlet xita qawwija, ingemghet kwantita' ta' ilma fil-parti attigwa ghall-hajt divizorju ta' bejnietna, u din faqghet it-tikhil li ahna konna ghamilna. Naturalment fuq in-naha tal-Astra dan it-tikhil kien tnehha meta gie ingaljat il-bejt mal-hajt divizorju, u ghalhekk kien aktar facili ghall-ilma illi jidhol fil-fili tal-hajt u jifqa' it-tikhi min-naha taghna."*.

6. Anthes Galea ghall-kumpannija konvenuta qalet ukoll li f'Awwissu 1991 kien sar *water proof membrane* fuq il-bejt tal-kumpannija konvenuta, u ghalhekk m'huwiex possibbli li l-ilma dahal mill-bejt taghhom. Fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2008 id-difensur tal-kumpannija pprezenta kont (29 ta' Awwissu 1991) u ricevuta (14 ta' Ottubru 1991)[3] li nhargu minn Salvu Attard b'riferenza ghal dan ix-xoghol. Salvu Attard qatt ma xehed. Il-fatt li seta' sar xoghol ta' manutenzjoni fuq il-bejt ftit qabel l-akkadut, ma jwassalx lill-qorti biex tiskarta l-opinjoni li esprima l-perit tekniku. Dan iktar u iktar meta jirrizulta li l-*membrane* sar biss f'certu postijiet (ara ritratti a fol. 171). Il-qorti hi moralment konvinta li s-sors ta' perkolazzjoni ta' ilma kien il-bejt tal-kumpannija konvenuta, u f'dan il-kuntest hu evidenti li naqset mill-obbligu li tevita kull possibilita' li dan id-dhul ta' ilma jsehh.

Il-qorti tqies li ma tistax tiskarta l-opinjoni tal-perit tekniku, u mill-provi li tressqu hi l-iktar konkluzjoni ragunata. In eskussjoni spjega: *"L-esponent huwa tal-fehma li semplici bejt tal-konkos, minghajr waterproof membrane u kontrabejt fuqu, mhux skond l-arti u s-sengha u ghalkemm Galea kienet ghada kif sewwiet il-bjut kollha, ma jfissirx li dan kien kompletament waterproof. Anzi dan ifisser li l-bejt kien fih il-qsim."* (fol. 210). Meqjusa l-konsiderazzjonijiet li saru, jekk kif qalet Anthese Galea verament sar xoghol fil-bejt tal-proprjeta' tal-kumpannija konvenuta jfisser li:-

(a) Ix-xoghol jew parti minnu ma sarx skond is-sengha u l-arti; jew

(b) Ix-xoghol ma kienx ikopri l-bejt kollu.

F'dawk ic-cirkostanzi ma jistax ikun hemm spjegazzjoni ohra ghad-dhul ta' ilma tax-xita fil-hanut ta' l-atturi, u l-qorti mhi tara l-ebda ness kawzali bejn ix-xogholijiet li twettqu minn Mannar Company Limited u l-perkolazzjoni ta' ilma fil-hanut gestit mill-atturi.

---

[3] Fol. 214.

7. Ghal dawk li huma danni, l-attrici xehedet. *"Jiena kkalkolajt li sofrejt fl-ammont ta' Lm437 hsara, li kkalkolajthom fuq il-kejl tal-prezz."* (seduta tal-10 ta' Settembru 1993). Fis-seduta tas-6 ta' Mejju 1999 (fol. 160) qalet: *"….illi l-valur minni imsemmi, stabbilejtu fuq is-selling price u cioe' kemm kont indahhal kieku bieghet l-istess drapp…..Il-margini tal-profitt tieghi kien bejn 20 u 25 fil-mija"*. Il-perit legali rrelata li l-attrici ghandha dritt ghas-somma ta' Lm349.60 (*cost price*). Min-naha tal-konvenuti u l-imsejha fil-kawza, hadd ma kkontesta dak li xehedet l-attrici. Il-qorti hi tal-fehma li l-atturi ghandhom dritt ghas-somma kollha (Lm437) in kwantu qeghda tifhem li d-drapp li ttebba ma baqax tajjeb ghall-uzu u ghalhekk ma setax jinbiegh. Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha taddotta l-fehma espressa mill-perit legali li r-rizarciment ghandu jkun limitat ghal hlas tal-*cost price*. Il-perit legali ma ta l-ebda raguni ghalfejn wasal ghal din il-konkluzjoni.

8. Fir-rigward tal-imsejhin fil-kawza, ma jirrizultax li ghandhom xi responsabbilta' ghall-perkolazzjoni ta' ilma:-

- **<u>Mannar Company Ltd</u>** giet imsejha fil-kawza wara rikors li sar fit-28 ta' Mejju 1992 mis-socjeta Filarmonika La Stella (fol. 22), u jirrizulta li hi l-kumpannija li ghamlet ix-xogholijiet.

- **<u>Paul u Christine konjugi Refalo</u>** issejhu fil-kawza b'digriet li nghata fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 1992 (fol. 33). Ghal dik is-seduta kienu prezenti d-difensuri ta' l-atturi u s-socjeta Filarmonika La Stella. Pero' fin-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata minn Mannar Co. Ltd (fol. 28) saret dikjarazzjoni fis-sens li *"…huwa l-kaz (li) f'dan l-istadju inizjali li jigu kjamati wkoll fil-kawza Paul u Christine konjugi Refalo."* (fol. 29).

9. Fir-rigward tat-talba ghall-hlas ta' imghax (talba mizjuda wara digriet moghti fit-2 ta' April 2008), il-kumpannija konvenuta qeghda ssostni li t-talba ghandha tigi michuda ghaliex il-kaz jittratta dwar ammont li kellu jigi likwidat u bla pregudizzju l-preskrizzjoni skond l-Artikolu

2156(d) u (f) tal-Kodici Civili. L-interessi li qeghdin jintalbu huma ta’ natura kompensattiva u mhux moratorji. Fil-kawza **Mekkanika Limited vs Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell[4] fis-6 ta’ Frar 2008, dawn gew deskritti bhala: *“imprexxindibilment minn kwalsiasi dewmien jew dak tas-semplici skadenza tad-debitu. Normalment,* ***dawn jinghataw b’ titolu ekwitattiv biex jikkompensaw lil kreditur ta’ l-obbligazzjoni mit-telf tal-godiment tas-somma rizarcitorja.*** *Il-gurisprudenza jidher li tenuncja f’ dan il-kuntest illi* ***l-interessi fuq is-somma likwidata b’ titolu ta’ rizarciment tad-dannu ghandhom natura kompensativa bl-iskop li jigi evitat pregudizzju lil kreditur.*** *F’kaz bhal dan, “il-Qorti ghandha diskrezzjoni minn meta takkordahom”. Ara “****Evaristo Psaila et -vs- George Spiteri****”, Appell Kummercjali, 12 ta’ Frar, 1965.”*. Fil-fehma tal-qorti t-talba ghall-hlas ta’ interessi hi kompriza fit-talba ghall-hlas ta’ danni, u ma kien hemm l-ebda htiega li l-atturi jziedu xi talba ghall-hlas ta’ imghax. Il-hsara li sofrew l-atturi, wassal sabiex:-

(a) L-atturi ma setghux ibieghu d-drapp u ma rkuprawx l-ispiza li ghamlu biex inxtrat il-merkanzija. Wiehed ghandu jipprezumi li eventwalment kienu ser jutilizzaw dawk il-flus sabiex jixtru iktar merkanzija. Dan iwassal ghal diminuzzjoni effettiva patrimonjali.
(b) L-atturi tilfu l-qligh li kienu jaghmlu li kieku bieghu l-merkanzija.

Wiehed jista’ jghid li l-interessi jistghu jikkwalifikaw bhala danni ghan-nuqqas tal-godiment tal-flus. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda htiega li tizdied xi talba ghall-hlas ta’ interessi. Fic-cirkostanzi l-eccezzjonni dwar il-preskrizzjoni hi ghal kollox barra minn posta. Kien waqt is-seduta tal-10 ta’ Dicembru 1993 li l-attrici kkwantifikat id-danni li sofriet (Lm437). Hu gust li l-atturi jithallsu l-interessi bhala parti mir-rizarciment ghad-danni u dan sa mill-inqas mis-7 ta’ Mejju 1999, li kienet l-ahhar seduta li fiha l-atturi ressqu provi.

[4] Imhallef P. Sciberras.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi:-

1. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-kumpannija Mannar Company Ltd li m'ghandha l-ebda responsabbilta' ghad-danni sofferti mill-atturi, u ghalhekk fil-konfront taghha qeghda tichad it-talbiet ta' l-atturi.
2. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Refalo li m'ghandhom l-ebda responsabbilta' ghad-danni sofferti mill-atturi, u ghalhekk fil-konfront taghha qeghda tichad it-talbiet ta' l-atturi.
3. Tilqa' l-eccezzjonijiet tas-Socjeta Filarmonika La Stella u ghalhekk fil-konfront taghha qeghda tichad it-talbiet ta' l-atturi.
4. Tastjeni milli tiddecidi dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta in kwantu gew irtirati fis-26 ta' Marzu 1992, u tichad it-tielet eccezzjonijiet (inkluz l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni) tal-kumpannija konvenuta u ghal motivi hawn fuq moghtija:-

(a) Tiddikjara lil Orienti Holdings Limited responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi.

(b) Tillikwida d-danni fl-ammont ta' elf u sbatax-il euro u erbgha u disghajn centezmu (€1,017.94) li maghhom ghandhom jizdiedu l-interessi bir-rata ta' 8% fis-sena b'effett mis-7 ta' Mejju 1999 sad-data tal-hlas.

(c) Tikkundanna lil Orienti Holdings Limited thallas is-somma hekk likwidata.

Spejjez kontra l-kumpannija konvenuta, b'dan li l-ispejjez tal-imsejha fil-kawza Mannar Co. Ltd huma a karigu tas-Socjeta Filarmonika La Stella filwaqt li l-ispejjez tal-imsejhin fil-kawza konjugi Refalo huma a kriagu tal-kumpannija Mannar Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------